MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 1982/1996/1

**Wara l-ittra ufficjali datata t-23 ta' Mejju 1996, fl-ismijiet:-**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Vs**

**Wallace Fino**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ta' Wallace Fino ipprezentat fil-11 ta' Gunju 1996 li permezz tieghu espona:-

Illi huwa gie notifikat b' ittra ufficcjali datata t-23 ta' Mejju 1996 (li kopja taghha tinsab unita mar-rikors u markata

Dok. “F1”) tal-Kontrollur tad-Dwana, b’ dikjarazzjoni guramentata ta’ Anthony Pavia bhala l-Kontrollur tad-Dwana (Dok. “A”), u b’ zewg “Exemption Orders” (Dok. “B” u “C”), u b’ din l-ittra ufficjali r-rikorrent gie interpellat ihallas is-somma ta’ Lm13,103 dovuta bhala dazju fuq “Glass Wall Curtaining System” li kien rilaxxjat fuq “Exemption Orders” 70/90 u 759/90 u fil-fatt ma ntuzax skond il-kondizzjonijiet ta’ l-istess “Exemption Order” u ghalhekk gie soggett ghall-hlas tad-dazju;

Illi r-rikorrent Wallace Fino qed jopponi ghal dan il-hlas ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Preliminarjament, hemm il-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-Artikolu 2149 (e) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16);

2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-meritu t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi Wallace Fino ma importax l-affarijiet indikati fl-istess “Exemption Orders” kif jidher mill-istess Dok. “A” u “B” annessi ma’ l-ittra ufficjali Dok. “F1”;

3. Illi wkoll assolutament bla pregudizzju ghar-ragunijiet fuq sollevati, l-affarijiet li gew importati f’ Malta li huma “Glass Wall Curtaining System complete with aluminium profile edges and accessories” (“Exemption Order 70/90, Dok. “A”) u “Flourescent light fittings complete” u “Single core cable” (Exemption Order 759/90, Dok. “B”) gew kollha utilizzati ghall-iskop imsemmi fl-Artikolu 17 (1) (a) ta’ l-Att XXI ta’ l-1988 dwar l-Izvilupp Industrijali (Kapitolu 325), u wasla partikolarment meta jidlam sax-Showroom tas-Socjeta` “C. Fino & Sons Limited”, Fino Building, Mriehel, li hija estensjoni tal-fabbrika fejn tigi mmanifatturata l-ghamara, turi bl-aktar mod evidenti l-uzu li sar minnhom l-affarijiet importati u li l-kondizzjonijiet u l-obbligazzjonijiet ta’ l-Att XXI gew osservati;

4. Fi kwalunkwe kaz, l-ammont ta’ dazju mitlub ghall-“Glass Wall Curtaining System” gie rilaxxjat biss fuq “Exemption Order” 70/90 u ma jidhirx li kien hemm dak l-ammont ta’ dazju mitlub;

Ghaldaqstant l-esponent talab bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-hlas tas-somma ta' Lm13,103 ghall-hlas tad-dazju fuq "Glass Wall Curtaining System" rilaxxjat fuq "Exemption Orders" 70/90 u 759/90 bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk tannulla l-istess talba tal-Kontrollur tad-Dwana;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana intavolata fit-13 ta' Awissu 1996 illi permezz taghha ssottometta:-

Illi r-rikors promotur sar wara l-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 1996 mibghuta ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u l-procedura applikabbli ghas-smiegh u eventwali decizjoni tar-rikors promotur hija dik stipulata fl-istess Artikolu;

Illi skond l-istess Artikolu 466 (2) tal-Kapitolu 12 il-Qorti ghandha tigi mitluba u ghandha ghalhekk tezamina jekk it-talba tal-kap tad-dipartiemnt tal-Gvern hija "wahda infondata" u huma ghalhekk biss l-oggezzjonijiet dwar il-meritu tat-talba li huma diskutibbli f' dawn il-proceduri;

Minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent jissottometti li l-oggezzjonijiet kollha avvanzati mir-rikorrent huma infondati u ghandhom jigu respinti kif jirrizulta aktar ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-digriet tas-16 ta' April 1999, kif emendat bid-digriet tal-20 ta' Ottubru 1999, li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC David Pace biex jirrelata dwar il-persentagg tal-curtaining utilizzat fl-istabbiliment in kwistjoni;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku li tinsab a fol. 100 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2002;

Rat id-dokumenti esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Mill-attijiet tal-kawza jidher li r-rikorrenti qieghed jirrezisti l-pretensjoni ta' l-intimat ghall-hlas tad-dazju fuq l-importazzjoni f' Malta ta' "Glass Wall Curtaining System". Il-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-provi jistghu jigu rikapitulati kif gej:-

I. Is-socjeta` C. Fino & Sons Limited giet approvata mill-Malta Development Corporation l-importazzjoni ta' elf u hames mitt metru kwadru (1500 m. k.) tal-prodott fuq imsemmi ezenti mid-dazju. Dan kif manifest fic-Certifikat Nru. 70/90 (fol. 6) datat 24 ta' Jannar 1990 li ssostitwixxa dak precedenti bin-numru 354/88 (fol. 29). Permezz ta' din il-koncessjoni moghtija bis-sahha ta' l-Industrial Development Act 1988 il-prodott kellu jigi mportat fi zmien sena u jintuza esklussivament fl-estensjoni tal-kumpless tas-socjeta` imsemmija;

II. Permezz ta' certifikat agguntiv Numru 759/90 (fol. 7) ta' l-1 ta' Ottubru 1990 l-istess socjeta` inghatat il-permess timporta erba' mija u hamsin metru kwadru (450 m. k.) addizzjonali ta' l-istess prodott; b' kollox ghalhekk elf disa' mija u hamsin metru kwadru (1950 m. k.) tal-prodott "*complete with necessary aluminium profile edges and accessories*";

III. Mid-deposizzjoni ta' Saviour Falzon, impjegat tad-Dwana, jirrizulta illi mill-kwantitativ appena imsemmi,

is-socjeta` sureferita importat elf tmien mija u hdax-il metru kwadru (1811 m. k.) (fol. 59). Din id-dikjarazzjoni tax-xhud hi sopportata mill-kopji tal-Customs Entry Forms for Duty Free Goods esebiti minn fol. 46 sa fol. 54 u li juru wkoll illi l-prodott gie importat permezz ta' diversi konsenji bejn il-25 ta' Jannar 1990 u t-28 ta' Novembru 1990;

IV. Permezz ta' ittra datata 30 ta' Gunju 1992 (fol. 31) l-Malta Development Corporation (MDC) informat lill-Kontrollur tad-Dwana illi l-istabiliment fejn intuza l-prodott ser jintuza ghal skop divers minn dak originarjament intiz u konsegwentement ghandu jiehu hsieb jassikura l-gbir tad-dazju. Fi kliem ix-xhud Joseph Azzopardi, (fol. 39), dan gara ghaliex "id-Development Corporation hadet il-post b' kera minghand il-kumpanija u allura kien dover taghna li navzaw lid-Dwana illi l-istess Exemption kellha tigi ritirata peress illi l-post ma kienx qed jigi uzat ghall-iskop originali li ghalih kienu ntalbu u nhargu l-permessi";

V. Aktar tard l-MDC informat ukoll lid-Dwana bit-total tal-kejl tal-hgieg utilizzat fl-ufficini lokati lilha u okkupati minnha sa dakinhar. Ara ittra datata 13 ta' Ottubru 1993 esebita a fol. 30. Fuq il-bazi ta' dan il-kejl inhadem id-dazju korrispondenti. Ara xhieda ta' Saviour Falzon a fol. 58;

Posta l-kwestjoni li l-partijiet qeghdin jikkontendu dwarha jinghad qabel kull osservazzjoni ohra illi skond dikjarazzjonijiet ulterjuri taz-zewg xiehda precitati:

(i) L-oggetti mportati u hielsa mid-dazju kellhom jibqghu jigu utilizzati mill-azjenda importatrici ghall-perjodu ta' mhux anqas minn hames snin mid-data ta' l-importazzjoni. Ara deposizzjoni ta' Saviour Falzon a fol. 57;

(ii) Il-*claim* tad-Dwana ghall-hlas tad-dazju huwa relatat biss ghall-prodott aktar 'il fuq specifikat u mhux ukoll ghall-oggetti ohra li jissemmew fl-Exemption Order 759/90. Xhieda ta' l-istess Saviour Falzon, fol. 59;

(iii) Il-*claim* saret lir-rikorrent personalment in kwantu dan kien id-"*declarant*" fuq il-"Customs Entries". Li jfisser, skond ix-xhud Saviour Falzon (fol. 57) illi dan ikun qieghed jassumi responsabilita` illi l-importazzjoni kienet qeghda ssir fit-termini ta' l-Exemption Order;

Irid jinghad ukoll illi l-Qorti diversament presjeduta kienet innominat perit tekniku biex dan jiddetermina il-kejl tal-prodott in kwestjoni utilizzat fl-istabbiliment. Ara verbal tal-ghoxrin ta' Ottubru 1999 a fol. 71;

Mir-rizultanzi peritali (fol. 100) nsibu illi l-espert nominat stabbilixxa illi meta l-MDC okkupat il-*first floor* il-kejl kien ta’ tlett mija u sitta u sittin punt sitta zero metri kwadri (366.60 m. k.). Meta hadet is-sular sovrastanti l-kejl irdoppja u sar seba' mija u tlieta u tletin punt tnejn zero metri kwadri (733.20 m. k.). Bl-okkupazzjoni tal-*boardroom* il-kejl totali lahaq disa' mija u tlettax punt zero tmienja metri kwadri (913.08 m. k.);

Il-kwestjonijiet ta' dritt li *ex groemio* johorgu minn dawn il-fatti huma dawk trattati mill-kontendenti fin-noti rispettivi taghhom ta' sottomissjonijiet (fol. 124 u fol. 131);

Il-prezenti azzjoni rat il-bidu taghha fl-ezercizzju tas-setgha konferita mil-ligi [Artikolu 466 (1) tal-Kapitolu 12] lill-kap ta' dipartiment governattiv ghall-ezazzjoni tal-hlas tad-dazju dovut lilu. Dan permezz tal-procedura f' dan l-istess dispost mahsub. Id-debitur maghzul oppona ruhu ghal din it-talba bil-mod espost minnu fir-rikors. *Inter alia*, huwa ssolleva l-fatt tal-preskrizzjoni kif ukoll li ma kienx il-legittimu kontradittur;

Jinghad mill-ewwel f' dan l-istadju illi din il-Qorti tistqarr illi la tista' ssegwi, u wisq anqas tikkondividi r-ragjonament ta' l-intimat la fir-rigward ta' l-interpretazzjoni akkordata minnu lill-Artikolu 466 ma' liema hu abbinat ukoll l-Artikolu 467 tal-Kapitolu 12 u wisq anqas fir-rigward tas-

sottomissjonijiet tieghu dwar il-motivi oppozitorji ghat-talba tieghu li r-rikorrenti iddeduca fir-rikors promotur;

Bhala sostenn ghall-argomenti tieghu l-intimat issottometta illi:-

(a) Gjaladarba l-ligi tippreciza illi l-indagini ghandha tkun limitata biex jigi stabbilit jekk it-talba dikjarata hijiex infondata "fil-meritu", il-Qorti ma ghandhiex tokkupa ruhha minn aspetti ta' indoli procedurali;

(b) Gjaladarba hawn si tratta ta' evazjoni ta' dazju *ergo* l-perjodu bjennali preskrittiv eccepit mir-rikorrenti ma huwiex applikabbli u ghal kaz, invece, tghodd id-disposizzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita fl-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37). Sussidjarjament l-istess intimat javvanza b' argoment il-fatt illi gjaladarba l-materja kienet ta' natura kummercjali l-azzjoni ghall-hlas ta' kreditu kummercjali tippreskrivi ruhha b' gheluq ta' hames snin, ex Artikolu 2156(f). Argument agguntiv iehor f' dan il-kuntest imressaq mill-intimat hu dak illi l-kwestjoni ghandha tigi nkwadrata fil-perspettiva ta' reat permanenti u allura b' applikazzjoni ta' l- Artikolu 2154 (l) tal-Kapitolu 16 il-preskrizzjoni li se mai tghodd ghal kaz hi dik ta' l-azzjoni kriminali;

(c) Gjaladarba, imbaghad, hu jsejjes il-materja fil-qafas tar-responsabilita` kriminali, u gjaladarba wkoll socjeta` ma jistax ikollha responsabilita` bhal din, l-ghazla tar-rikorrenti, direttur tas-socjeta`, kienet dik opportuna u guridikament valida. Tajjeb li jigi rilevat f' dan l-istess kuntest illi aktar l-isfel fl-istess Nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-intimat, wara debita referenza ghall-Artikolu 17 tal-Kapitolu 325, jigbed il-konkluzjoni illi kien in raguni ghal dan l-ahhar imsemmi artikolu illi hu "talab lis-socjeta` C. Fino & Sons Limited biex tersaq ghall-hlas tad-dazju dovut". Jigi osservat illi din l-affermazzjoni mhux biss hi inezatta, stante li ebda talba konsimili ma saret lis-socjeta`, izda addirittura tikkontradici dak affermat aktar qabel mill-intimat innifsu meta tenna, anke jekk ghal

raguni diversa, illi hu kien "korrett meta hareg l-ittra ufficjali f' isem Wallace Fino personalment";

Dan premess, din il-Qorti thoss illi ma ghandha tammetti l-ebda wiehed minn dawn l-argomenti propunjati mill-intimat, u li issa ser jigu kummentati *seriatim*;

Ghar-rigward ta' l-ewwel argoment irid jinghad illi anke kieku din il-Qorti kellha toqghod b' affidament fuq dak ritenut mill-intimat fl-interpretazzjoni li hu jaghti lill-Artikolu 467 tal-Kapitolu 12, u toqghod strettament fuq l-ezami tal-meritu dwar il-fondatezza o meno tat-talba, biex taghmel dan hi trid tippresupponi qabel xejn illi l-persuna li lilha hi lancjata t-talba ghal hlas hi fil-fatt il-veru debitur tal-Kontrollur. Wiehed ma jridx jinsa illi d-dikjarazzjoni guramentata imsemmija fl-Artikolu 466 (1) taghmel stat ta' gudikat [Artikolu 466 (2)] fil-konfront tal-persuna maghzula bhala debitur. Il-presunzjoni li tali persuna hi debitur tista' titwaqqa' bi prova kuntrarja. Hu tabilhaqq inawdit illi jigi pretiz, kif hekk qed jigi pretiz, illi l-Qorti titratta l-meritu kontra xi hadd li ma jkunx jirrivesti l-figura ta' debitur, jew li din ma ghandhiex tindaga u tassikura li l-hlas hu effettivament dovut mill-persuna li hi wkoll "id-debitur", kif hekk irid proprju s-subinciz (1) ghall-Artikolu 466;

Dejjem f' dan l-istess kuntest il-Qorti tara spropozitu legali iehor fl-argoment illi meta tinsorgi d-difiza tal-preskrizzjoni din il-Qorti ma ghandhiex tikkunsidraha in kwantu din ma ghandhiex tinfluwixxi fuq il-meritu;

Fl-ewwel lok qed jigi sottolinejat illi l-preskrizzjoni hi sostantivament kollokata mal-meritu tat-talba, rikonoxxuta fl-interess pubbliku bl-iskop li jigi eliminat il-kuntrast bejn sitwazzjoni ta' fatt u sitwazzjoni ta' dritt, u rikjesta wkoll mill-esigenza li tigi assikurata certezza fir-rapporti guridici. Hi allura mod ta' estinzjoni tad-drittijiet rikondotta ghall-ideja tar-rinunzja tacita tat-titolari tad-dritt. Li jfisser illi l-Qorti hi fid-dmir li taccerta ruhha jekk il-meritu jinsabx affettwat mill-fatt illi l-pretendent tat-talba kienx jaf bl-istat

ta' fatt li kien jintitolah jezercita dritt u hu halla dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma agixxa ghad-dritt tieghu, fiz-zmien utli. Cirkostanza din li tincidi fuq il-meritu jekk jinsab illi bl-inazzjoni tieghu huwa gie li rrinunzja ghall-prosegwiment tad-dritt;

In vista tal-premess din il-Qorti ma tistax tabbraccja l-argoment ta' l-intimat *in subjecta materia*;

Ukoll lanqas ma tista' takkolji l-argoment fejn l-intimat ikklassifika l-materja bhala wahda ta' indoli penali. Skond il-Qorti l-kwestjoni ma kellhiex, u ma ghandhiex, tigi rigwardata mill-ottika ta' reat ta' evazjoni tad-dazju. Il-kaz ma jistax jigi meqjus bhala delitt fis-sens tal-Kodici Kriminali jew ittrattat bhala tali fejn allura u per konsegwenza din il-Qorti ta' kompetenza purament civili jkollha tindaga wkoll fl-element tax-xjenza u tal-*mens rea*. (Ara "**Il-Pulizija -vs- Carmen Grima**", Appell Kriminali, 29 ta' Novembru 1982);

L-oggett meritu ta' l-importazzjoni ma kienx la pprojbit u lanqas limitat izda kien akkonsentit li jiddahhal ezenti mid-dazju. *Ergo*, konsiderat minn din il-perspettiva, ma kien jezisti l-ebda reat. Li gara f' dan il-kaz kien precipitat mill-fatt illi ma' l-irtirar ta' l-incentiv ta' l-Exemption Order da parte tal-MDC, kif kellha dritt taghmel bl-operat ta' l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 325, l-oggett importat, gja ezenti mit-taxxa, gie minn dak il-mument rez dazjabbli. Din ma hijiex kwestjoni ta' reat daqskemm tal-konsegwenza ta' non-ottemperanza tal-kondizzjonijiet posti fuq l-importatur fl-istadju ta' meta giet koncessa lilu l-ezenzjoni;

Una volta din il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni huma destinati li jfallu wkoll l-argomenti relattivi ghall-istat ta' permanenza tar-reat u l-kwestjoni tal-preskrizzjoni korrelatata fl-ambitu tal-Kodici Kriminali. Ugwalment dan ighodd ukoll ghas-sottomissjoni dwar l-allegata responsabilita` kriminuza tar-rikorrenti fis-sostenn ta' l-argoment il-ghala t-talba giet diretta fil-konfront tieghu personalment;

L-argoment, imbaghad, dedott mill-intimat fin-Nota tieghu illi dak li wassal ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ghandu min-natura ta' ftehim kummercjali, u per konsegwenza hi se mai applikabbli l-preskrizzjoni prevvista fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16, ma jsib l-ebda riskontru mill-fatti. Apparti li tali argoment ma jregix, u anzi jisfuma fil-konfront ta' l-argomenti l-ohra sottomessi, kompriz dak ta' indoli penali fil-materja, kieku tassew kien pretiz li dan jircievi attenzjoni wiehed kien jistenna li t-talba ssir lill-kumpanija u mhux lill-persuna fizika, in kwantu kienet il-kumpanija kontraenti tal-ftehim u lilha nghata l-ezenzjoni fuq il-prodott importat minnha. F' kull kaz, imbaghad, it-talba ma kinitx wahda *sic et sempliciter* ta' gbir ta' flus jew ta' danni izda talba espressament intiza ghall-hlas tas-somma "dovuta bhala dazju". Ara ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju 1996 a fol. 4;

Respinti dawn l-argomenti, dan jikkonduci ghall-ezami ta' dawk l-aspetti tad-difiza tar-rikorrenti in opposizzjoni ghat-talba ghall-ezazzjoni tad-dazju;

Tassumi posizzjoni primarja fuq kull difiza ohra l-eccezzjoni illi r-rikorrenti ma kellux jitqies il-legittimu kontradittur li fil-konfront tieghu saret it-talba. Fuq dan is-suggett ikun opportun jekk qabel kollox jigu sottolinejati dawn il-fatti:

A. It-talba ghall-*exemption orders* saret mis-socjeta` attrici C. Fino & Sons Limited u l-approvazzjoni taghhom mill-awtorita` kompetenti nghatat lil din il-kumpanija. Dan kif superjorment gja gie rilevat b' referenza ghac-certifikati ta' ezenzjoni u x-xiehda ta' Joseph Azzopardi (fol. 18);

B. Il-Kontrollur tad-Dwana, kif ragjonevolment wiehed jistenna, kellu konoxxenza ta' dawn ic-certifikati ta' ezenzjoni tant li kif indott mid-deposizzjoni ta' Saviour Falzon (fol. 55) kopji relattivi taghhom kienu jinsabu fil-file dipartimentali tad-Dwana;

C. Jinghad dejjem minn dan l-ahhar imsemmi xhud illi d-Dwana ippretendiet il-hlas direttament minghand ir-rikorrenti ghax kien dan li ffirma l-Customs Entry Forms;

Gja gie rilevat illi taht l-aspett rakkjuz fil-parametri tal-Kapitolu 325, l-intimat stess jirrikonoxxi mod jew iehor illi s-socjeta` kienet il-korp responsabbli ghall-hlas. Kif taraha din il-Qorti, kellu jkun apparenti ghall-intimat illi meta r-rikorrenti iffirma l-Customs Entry Forms dan ghamlu bis-sahha tal-koncessjoni moghtija mill-MDC lill-kumpanija ghall-importazzjoni ta' "duty free goods". Ghalhekk mhux mistenni li ghax ir-rikorrenti ffirma l-“Entry Forms” kellu jkun prezunt li dan iffirma fl-interess personali tieghu meta hu personalment, del resto dan hu hekk accettat ukoll mill-intimat, ma gie koncess l-ebda beneficcju jew incentiv bhal dan. Mic-cirkostanzi materjali kollox kien jindika illi t-trattativi ghall-koncessjoni, l-approvazzjoni, l- importazzjoni tal-prodott u l-uzu tieghu saru fl-interess tas-socjeta`. L-intimat ma jistax jinjora din ir-realta` guridika ta' l-ezistenza tas-socjeta` limitata meta l-indizji kienu daqstant cari, migjuba a konjizzjoni tieghu u maghrufa minnu illi r-rikorrenti kien qieghed jimporta l-prodott ezenti mid-dazju ghan-nom u fl-interess tas-socjeta`;

Quddiem dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju biex tippresumi, limitatament fuq il-bazi ta' l-Entry Forms, illi r-rikorrenti kien qieghed hekk jimporta f' ismu proprju. Inoltre meta wieznet dawn l-istess cirkostanzi sabet, b' konvinciment, illi kellu jkun bil-wisq apparenti ghall-intimat illi r-rikorrenti kien qed jiffirma u jidher, anke jekk dan ma jinghadx *expressis*, in rapprezentanza ta' haddiehor, ossija tas-socjeta`;

Dawn ic-cirkostanzi allura kienu pjenament jiggustifikaw lir-rikorrenti illi hu ma kienx il-legittimu kontradittur u ghalhekk l-ebda responsabilita` personali ma kellha tigi addebitata lilu;

Raggunta din il-konkluzjoni kieku trid il-Qorti tista' tieqaf hawn. B' lejalta pero` ma' l-isforz li sar mill-partijiet thossha fid-dover li tinvesti anke il-kwestjoni tal-preskrizzjoni eccepita fit-termini ta' l-Artikolu 2149 (e) tal-Kodici Civili. Disposizzjoni din li tirrendi estinta l-azzjoni bid-dekors ta' sentejn fil-kaz ta' talba ghall- hlas ta' drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra;

Issa skond l-Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16, "il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss";

Mill-atti processwali, senjatament l-ittra tal-MDC tat-30 ta' Gunju 1992, jirrizulta illi l-intimat kien jaf bil-ksur tal-kondizzjonijiet tal-Customs Duty Exemption Certificates b' effett zgur mid-data ta' din l-ittra li ma naqsitx li tfakkru ukoll "*to take the necessary steps to collect the relative customs duty*";

Jekk allura din is-sena 1992 kellha tittiehed bhala l-bidu ghall-finijiet tad-dekorriment taz-zmien ghandu jirrizulta bil-wisq car illi l-intimat imbaghad halla kwazi erba' (4) snin jiddekorru sakemm iddecieda li jibghat l-ittra ufficcjali fit-23 ta' Mejju 1996;

Il-kaz allura huwa ovjament milqut bis-subinciz (e) ta' l-Artikolu 2149 li espressament, kif fuq inghad, jirreferi ghall-<u>hlas tad-dazju</u>. Dejjem bl-iskop li tinghata twegiba ukoll lil certu argoment ta' l-intimat dwar l-applikabilita` o meno ghall-kaz ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16, tajjeb li jigi mfakkar illi skond kif preskritt f' dan l-ahhar dispost riferit biex t-terminu preskrittiv f' dan l-ahhar artikolu imsemmi jinghata risalt il-kreditu ma jkunx irid jaqa' taht preskrizzjoni aqsar. Fil-kaz *de quo* t-talba ghall-kreditu pretiz tinkwadra ruhha fit-test ta' l-Artikolu 2149 (e) u konsegwentement ma tapplikax il-preskrizzjoni ta' hames snin kontemplata invece fl-Artikolu 2156 (f). Xejn kuntrarju ghall-applikazzjoni tal-preskrizzjoni eccepita ma tista' allura tingibed minn ebda argoment ta' l-intimat;

In vista ta' dan, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-obbjezzjonijiet tar-rikorrenti huma mhux biss fondati izda wkoll gustifikati. Minn dan isegwi illi t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-hlas tad-dazju minnu pretiz ma hijiex tenibbli u allura qed tiddikjaraha infondata u, konsegwentement, tiddikjaraha wkoll nulla u bla effett legali.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi r-rikors billi takkolji l-istess kemm fuq il-motiv li r-rikorrenti ma huwiex il-legittimu kontradittur kif ukoll fuq il-motiv tal-preskrizzjoni eccepita. Konsegwentement tannulla t-talba ghall-hlas tad-dazju promossa mill-Kontrollur tad-Dwana fit-termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

In vista tac-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz, l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------